MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 645/2010

**27 TA' GUNJU 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)
vs
Avadi Madou

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat bin-numru tal-Pulizija 09AC-003 akkuzat talli:
1. fil-15 ta' Gunju 2010 gewwa l-'barraks' ta' Hal-Safi ghal habta tas-6.00am volontarjament ta in-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew lok iehor u cioe' cella fl-imsemi 'barraks', meta fil-waqt tal-hruq kien hemm persuni gewwa;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fuq l-istess cella u l-affarjiet li kienu fiha, liema hsara teccedi euro 1164.69;

3. li sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi;

Rat ir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat quddiem din il-Qorti biex jigi gudikat rigward il-htija jew nuqqas taghha;
Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ sommarjament;
Semghet il-provi;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
Ai termini tar-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali l-akkuzi li taghhom ghandu jwiegeb l-imputat huma r-reat ta’ hruq b’perikolu tal-hajja u l-hsara volontarja li teccedi 1164.95 euro.
Fl-istadju tal-kompilazzjoni tax-xhieda dak li l-imputat kien ammetta fl-istqarrija tieghu rilaxxjata fil-kors li gie arrestat, fil-fehma tal-Avukat Generali, kien jirrikjedi ghexieren ta’ rinviji biex il-Qorti fil-veste istruttorja taghha tisma’ numru konsiderevoli ta’ xhieda biex sostanzjalment jghidu l-istess haga.
Dwar x’ghaghal l-imputat jaghmel dak li ghamel lic-cella fejn kien qieghed mizmum bhala immigrant illegali hemm l-istqarrija tieghu lill-Pulizija (esebita fol.15 et seq). Mill-bqija l-provi jippruvaw li fil-hin li l-imputat ta’ in-nar lil’ hmistax is-saqqu li kienu fost numru konsiderevoli fic-cella fejn kien detenut kien hemm erba persuni ohra detenuti mieghu li nhargu minn membri tal-Forzi Armati inkolumi minn bieb li kien jghati ghall-bitha komuni. Irrisulta car mill-provi li din ic-cella kienet dik f’ ‘Block C’ markata bin-numru 3 f’dik il-parti tal-‘barraks’ li huwa adebit bhala centru ta’ detenzjoni ghall-immigranti illegali.  Fir-rigward ic-cella in kwistjoni hi deskritta bhala cella kbira maqsuma f’parti dormitorju b’cirka 84 sodda u arja ta’ rikrejazzjoni fejn gie applikat in-nar. Dwar hsara din tinsab dettaljatamenet deskritta fir-relazzjoni tal-perit arkitett, Robert Musumeci, a folio 5 tar-relazzjoni tieghu (folio 84 tal-atti) ghall-valur ta’ 7872.88 euro. Jirrisulta li l-incendju kien jirrikjedi l-intervent tal-Protezzjoni Civili ghalkemm

jidher li ma' kienx xi nar kbir biss ikkreja duhhan konsiderevoli li kellu l-potenzjal li jirreka dannu lis-sahha tad-detenuti l-ohra tac-cella u li fil-fatt effettwa sahhet l-imputat tant li innecessita li jittiehed l-isptar ibati wkoll minn grief rekat minnu stess minn xafra fuq il-persuna tieghu.
Dwar il-piena: l-imputazzjonijiet jinsabu ippruvati lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Id-dubbju jippermani rigward l-eta' tal-imputat ossija jekk fiz-zmien li jaghmel ir-reati lilu addebitati kienx minorenni. Dwar dan document esebit a folio 119 juri li l-imputat fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat/i kellu hmistax il-sena. Dan id-dokument formanti parti u anness mar-relazzjoni tal-Perit Arkitett jinghad li gie ppresentat mill-ispettur prosekutrici, Priscilla Caruana. Huwa ghalhekk applikabbli fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 37 tal-Kap 9. Wkoll in vista tax-xhieda tat-tobba psikjatri li xehdu tul il-proceduri (ara fol.54 u 127) il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-minimu tal-piena li fic-cirkostanzi m'hemmx alternattiva hlief li tinghata bhala prigunerija effettiva.
Rat l-Artikolu 316(b), 325(a), 17(b), 31(b), 49 u 50 tal-Kap 9. Tikkundannah ghal tlett snin u hames xhur prigunerija u divjeta l-publikazzjoni tal-isem l-imputat stante l-eta minorenni tieghu fiz-zmien il-kommissjoni tar-reat.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------